MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Numru. 456/2008

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Mark Tonna, iben Carmel, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Frar, 1980
u
Rita Debono, bint Joseph Agius, imwielda Pieta’ fit-3 ta’ Jannar, 1975
u
Mario Debono, iben Andrew, imwieled l-Imtarfa fis-7 ta’ Novembru, 1965
u
Kenneth Zammit, iben Franco, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ April, 1979
u
Tiziana Debono, bint Mario, imwielda Pieta’ fis-16 ta’ Jannar, 1995

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fis-17 ta' Mejju, 2008 fil-ħin bejn il-5.00 p.m. u is-7.30 p.m. matul il-logħba tal-football Valletta vs. Marsaxlokk ġewwa l-istadium nazzjonali, Ta' Qali b'diversi atti magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u cioe' fuq il-persuni ta' l-Ispettur Nezren Grixti, l-Ispettur Mario Tonna, SM86 A. Lia, WPS215 V. Farrugia, WPC17 R. Agius u membri oħra tal-korp tal-pulizija fil-waqt li kien qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
2. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi nġurjaw jew heddew jew għamlu offiżi fuq iil-persuna tal-membri tal-korp tal-pulizija msemmija fl-ewwel akkuża, inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku li kien qed jagħmlu jew minħabba li kien qed jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxu jew ibezzgħu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;
3. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi heddew lill-istess uffiċjali pubbliċi bi kliem;
4. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi kisru volontarjament il-bon ordni u il-paċi pubblika;
5. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi hebbew għall-istess uffiċjali publiċi msemmija sabiex jinġurjaw jew jagħmlulhom ħsara;
6. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi ma obdewx l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilhom mill-pulizija jew ma ħallewx jew fixklu waqt li kien jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod bla jedd indaħlu fl-istess dmirijiet billi ma ħallewx lill-membri tal-korp tal-pulizija jagħmlu dak li b'liġi kien ordnati li jagħmlu u billi ħassru jew ġabu fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bħala awtorita' kien għamlu;
7. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi qalu kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa;
8. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi xewwxu ġemgħa ta' nixes illi hekk imxewwxa jinġabru f'numru ta' għaxra

jew aktar, sabiex jagħmlu reat jew ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nixes jew aktar miġburin bil-ħsieb li jagħmlu reat;
9. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi xewwxu pubblikament persuni oħra sabiex jinħoloq reat;
10. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi xewwxu pubblikament lill-persuni oħra sabiex jiksru l-liġi;
11. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi użaw kliem offensive lejn membri tal-korp tal-pulizija msemmija aktar 'il fuq fl-akkuża.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 9 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta billi tinfliġġi l-piena massima u tordna li l-imsemmija imputati ma jattendux fi 'grounds' ta' sport għall-perjodu massimu.
Il-Qorti ġiet mitluba li titratta ma l-imputati Mario Debono u Kenneth Zammit bħala li huma reċidivi b'sentenżi li saru definittivi.
Lil Mark Tonna, waħdu –
Talli fl-istess lok, ħin u taħt l-istess ċirkostanżi, talli ġewwa l-għassa tal-pulizija tal-Ħamrun bil-ħsieb li jtellef il-ġieh jew inaqqas il-ġieh ta' l-uffiċjali tal-pulizija msemmija fl-akkużi hawn fuq, billi b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor immalfamhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Rat illi t-talba tar-reċidiva fil-konfront ta' l-imputati Mario Debono u Kenneth Zammit ma tistax tirrizulta.

Rat illi Mark Tonna skuża ruħu ta' l-inċident fl-għassa tal-pulizija.
Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom, ħlief għal dak li tirrigwarda r-reċidiva.
Rat l-artikoli 68, 95, 96 u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannhomx għal piena karċerarja iżda

tilliberah lill-imputati kollha ħlief Tiziana Debono taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien xahrejn mil-lum.  Fil-konfront ta' Tiziana Debono tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.  Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok li l-imputati jiġu nibiti milli jattendu fi 'grounds' ta' sports.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------